MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 212/2013

**Dr Karl Briffa bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Quinel Italia s.r.l**

**vs**

**Lotus Cherry Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur ipprezentat mill-attur nomine fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-19 ta' Lulju 2013 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax-il elf, hames mija u sittin ewro (€11,560.00) rapprezentanti bilanc ta' drittijiet dovuti lilha in konnessjoni ma' servizzi teknici rezi lilha ai termini tal-offerti datati 16/1/2012 u 11/6/2012 minnha approvati u naxxenti mill-annessi fatturi mmarkati bhala Dok 'A-C' rispettivament, bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors u bl-imghax legali kontra l-istess socjeta'

konvenuta mid-data tal-imsemmija fattura sad-data tal-pagament effettiv, minn issa ngunta sabiex tidher in subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta pozittiva tal-Purtier Reno Spiteri datata 8 ta' Awwissu 2013 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tas-socjeta' konvenuta kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici (fol. 7 tergo).

Rat illi fis-seduta tas-23 ta Ottubru 2013 is-socjeta' konvenuta giet imsejha izda ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta' attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta dakinhar tat-23 ta' Ottubru 2013.

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2013 is-socjeta' konvenuta ma dehritx ghas-subizzjoni taghha.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hdax-il elf, hames mija u sittin ewro (€11,560) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur kontra s-socjeta' konvenuta u bl-imghax legali kontra l-istess socjeta' konvenuta mid-data tal-imsemmija fattura sad-data tal-pagament effettiv.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------